# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum il-Hamis, 5 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Guramentat Numru : 897/2015/LSO**

**Martin Micallef (K.I. numru 567764M) u martu Juliana Micallef Spiteri (K.I. numru 61168M)**

**vs.**

**John Laus (K.I. numru 747743M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Martin Micallef (K.I.numru 567764M) u martu Juliana Micallef Spiteri (K.I.numru 61168M)

datat 25 ta’ Settembru 2015 fejn l-istess Martin Micallef u martu Juliana Micallef Spiteri bil-gurament taghhom ikkonfermaw li huma jafu personalment bil-fatti hawn taht esposti :-

llli permezz ta’ kuntratt ta’ bejgh ta' nhar il-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia, kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'A', l-esponenti xtraw u akkwistaw minghand l-ahwa John, Joseph u George Pace il-fond bin-numru ufficjali tlieta u ghoxrin (23) fi Triq Monsinjur D'Andria, Imsida.

Illi l-vendituri ttrasferew lill-esponenti il-fond riferit liberu u frank, bid-drittijiet u gustijiet kollha tieghu hieles minn kull dritt kemm reali kif ukoll personali favur persuni jew proprjeta' ohra, hieles minn ipoteki, privileggi, *charges* jew *cautions* u hieles minn ordnijiet ta' esproprjazzjoni jew rekwizizzjoni.

llli minkejja illi l-konvenut ma ghandu l-ebda drittijiet fuq il-fond akkwistat mill-esponenti, huwa qieghed juza u jokkupa dan il-fond minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi.

llli ghalhekk jezistu l-elementi kollha fil-ligi *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq*. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex il-konvenut ma ghandux titolu validu fuq il-fond imsemmi u fil-fehma tal-esponenti, il-konvenut ma ghandu l-ebda difiza xi jressaq ghat-talba ta' l-esponenti;

Illi dawn il-fatti l-esponenti jafuhom personalment;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qeghdin hawn jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut qieghed jokkupa il-fond bin-numru ufficjali tlieta u ghoxrin (23) fi Triq Monsinjur D'Andria, Msida minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi kif hawn fuq spjegat;

3. Tordna lill-konvenut jizgombra mill-istess fond hawn fuq imsemmi u dana entru zmien qasir u perentorju li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt in subbizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2015.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma fis-27 ta' Ottubru 2015 fejn deher l-intimat mhux assistit u ddikjara li m'ghandux mezzi biex ihallas avukat u l-Qorti ddiferiet il-kawza ghall-5 ta' Novembru 2015.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza regghu dehru r-rikorrent assistiti minn Dr Alfred Abela. Deher l-intimat mhux assistit. Dr Alfred Abela prezenta nota b'zewg ritratti. Billi l-intimat baqa' ma gabx raguni biex jopponi ghat-talbiet attrici, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. Tnax tal-Ligijiet ta' Malta, ghaddiet biex tippronunzja ruhha dwar it-talbiet.

Meta regghet issejhet il-kawza ma deher hadd.

Inqrat is-sentenza.

**II. KONKLUZJONI**.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tordna lill-intimat sabiex jizgobmra fi zmien perentorju ta' xahrejn millum.

**L-ispejjez jigu sopportati mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**05 ta’ Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**05 ta’ Novembru 2015**